MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 35/2015

Kawza numru: 14

Avviz numru: 35/2015 KPS

**Calsteps Limited**

**Vs**

**Brydon Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet illi:

Il-hlas ta' elf tmien mija u hamsin Ewro (€1,850) rapprezentanti prezz ta' "Above Ground Pool" li Brydon Azzopardi xtara mill-hanut tieghi 60, John Borg Street, Birkirkara fil-25 ta' Lulju, 2013 liema hlas sar minnu permezz ta' cheque numru 130 li ma setghax jisarraf u gie ritornat lili mill-Bank of Valletta bil-kliem 'Refer to Drawer' Dok B.

Fis-17 ta' Settembru, 2013 jiena bghat ittra lill-Brydon Azzopardi permezz tal-Avukat tieghi pero ghadu ma hallas xejn sallum.

Jiena qed nitlob ukoll imghax fuq l-ammont ta' elf tmien mija u hamsin Ewro (€1,850) mill-25 ta' Lulju, 2013.

Ra li nhar il-11 ta' Frar, 2015 kienu dehru l-partijiet u l-avukati difensuri taghhom li kienu nfurmaw lill dan it-Tribunal li kienu qeghdin jaslu ghal tranzazzjoni u kienu talbu lill dan it-Tribunal sabiex jikkoncedilhom differiment sabiex ikunu jidtghu jikkonkludu. Ra li t-Tribunal kien ikkonceda din it-talba tal-partijiet.

Ra n-nota tas-Socjeta' attrici datata 26 ta' Mejju, 2015 pprezentata dakinhar stess tas-26 ta' Mejju, 2015, seduta stante li permezz taghha rriduciet it-talba taghha kif kontenuta fl-Avviz ghall-ammont ta' elf u hamsin Ewro (€1,050) stante pagament ta' tmien mitt Ewro (€800) u zzomm ferm il-kap tal-ispejjez u mghax.

Ra li l-avukat tas-Socjeta' attrici Dr. A. Gauci Maistre nhar is-26 ta' Mejju, 2015, gharraf lit-Tribunal li l-konvenut mill-ahhar pagament li kien ghamel 'il quddiem ma zammx il-ftehim dwar il-hlas mertu f'din it-talba u ma kien ghamel l-ebda pagament iehor.

Ra li gie prezentat kapitolu dak inhar tas-seduta ta' nhar is-26 ta' Mejju, 2015 mill-Avukat Dr A. Gauci Maistre.

Ra li l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-Socjeta’ attrici fl-ammont kif ridott ta’ elf u hamsin Ewro (€1,050) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------